MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2014

Numru. 163/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR DARYL BORG**

**VS**

**RAFEL SAMMUT**

## Il-Qorti:

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Rafel Sammut, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 198892M.

## Akkuzat talli:

Fil-lejl ta` bejn it-tnax (12) ta` Jannar 2013 u t-tlettax (13) ta` Jannar 2013, f'San Giljan u f'dawn il-Gzejjer Maltin, ikkaguna feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Christian Gatt skont certifikat mahrug minn Dr. M. Caruana, M.D. (Reg. No. 2864) mill-isptar Mater Dei.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta` Christian Gatt bil-kundizzjoiiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 216 u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li rat il-Fedina Penali netta tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Li l-avukat tal-*parte civile*, Dr. Marion Camilleri tiddikjara li l-feriti sofferti mill-*parte civile* illum jirrizulta li kienu ta` natura hafifa u ghalhekk il-*parte civile* qieghed jirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunsjabbli u konsegwentament jiddikjara li ma ghandu ebda interess fil-proceduri odjerni.

Ukoll, il-parte civile, Christian Gatt jikkonferma bil-gurament illi ma ghandux interess u jghazel li ma jixhedx stante li jista` jinkrimina ruhu.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tillibera lill-imputat mill-akkuza dedotta kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------